# Katekeżi fil-qosor dwar l-Enċiklika tal-Papa Franġisku *Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar)



Ħsibijiet mill-Enċklika tal-Papa Franġisku,
*Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar)

# 1. ID-DAR KOMUNI TAGĦNA

Il-Papa Franġisku tana diversi kitbiet: L-*Evangelii Gaudium*, Il-Ferħ tal-Evanġelju (Novembru 2013); il-*Misericordiae Vultus,* Il-Wiċċ tal-Ħniena (April 2015); il-*Laudato Si',* Tkun Imfaħħar (Mejju 2015); l-*Amoris Laetitiae,* Il-Ferħ tal-Imħabba (Ottubru 2015); *Gaudete et Exsultate*, Ifirħu u Thennew (Marzu 2018) u *Christus Vivit*, Kristu Jgħix (Marzu 2019).

Il-*Laudato Si*' hi Enċiklika li tieħu l-isem mill-poema ta' San Franġisk t'Assisi "Tkun imfaħħar, Mulejja", li fiha jfakkarna li d-dinja hi d-dar komuni tagħna, li qisha wkoll oħtna li magħha naqsmu ħajjitna, u bħal omm sabiħa li tilqagħna f'dirgħajha. San Franġisk jgħid: "Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna u ommna l-Art, għax minnha l-għajxien u hi tmexxina, u tagħti frott ta' kull xorta, tagħti l-ward bi lwien u ħxejjex".

Il-Papa juri l-ħsara li ilha ssir fl-ambjent billi jgħid li oħtna l-Art mhix kuntenta b'dak li qed inġibulha meta ma nibżgħux għall-ġid li Alla qiegħed fiha. Dan isir għax naħsbu li aħna s-sidien u l-ħakkiema tal-art u li għandna d-dritt li nħarbtuha kif irridu. Dan jirriżulta f'tinġiż fl-ambjent li qed jaffettwa l-ħajja tagħna lkoll. U l-iktar li jbatu meta l-art tkun maħqura u mħarbta huma l-foqra.

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, il-ħsara fl-ambjent qed ikollha konsegwenzi drammatiċi. Għalhekk li fl-aħħar 50 sena l-Knisja, permezz tal-Papiet wissiet li l-aqwa progressi xjentifiċi, il-ħiliet tekniċi tal-għaġeb, it-tkabbir

ekonomiku, jekk ma jkunux imsieħba minn progress soċjali u morali, fl-aħħar mill-aħħar iduru kontra l-bniedem. Il-Papiet kemm-il darba wrew il-ħtieġa urġenti ta' bidla radikali fl-imġiba ta' min qed imexxi l-pajjiżi. Jekk dawn se jibqgħu jittraskuraw l-ambjent, se nispiċċaw vittma ta' dak li jidher żvilupp u progress.

Il-qerda tal-ambjent hi ħaġa serja ħafna, mhux biss għax Alla fada d-dinja f'idejn il-bniedem, imma wkoll għax l-istess ħajja tal-bniedem hi don li għandu jitħares minn kull mod ta' tifrik. Hi ħasra li l-bniedem tal-lum bħal donnu mhu jara ebda siwi ieħor fl-ambjent naturali tiegħu għajr dak li jservih għall-użu u konsum immedjat tiegħu. Fost id-dnubiet kontra l-ambjent hemm il-qerda tad-diversità bijoloġika fil-ħolqien, użu ta' kimiċi li qed iġibu bidla fil-klima, it-tnaqqis tal-foresti naturali, it-tniġġis tal-ilmijiet, tal-ħamrija u tal-arja.

Fl-Enċiklika *Laudato Si'* (Tkun imfaħħar), il-Papa Franġisku jistedinna ngħaddu mill-konsum għas-sagrifiċċju, mir-regħba għall-ġenerożità, mill-ħela għall-ħila li naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, li ngħaddu minn dak li rridu aħna għal dak li għandha bżonn id-dinja, id-dar komuni tagħna.

# 2. DAK LI QED JIĠRI LID-DAR TAGĦNA

S'issa tajna ħarsa ħafifa lejn l-Enċklika tal-Papa Franġisku *Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar). Ngħaddu għat-tħassib tal-Papa għal dak li qed jiġri lid-dinja, li hu jsejħilha "id-dar komuni tagħna". Hu tħassib sinċier u li jnikkitna minħabba tant għamliet ta' tinġiż li qed jolqtu kuljum il-ħajja tagħna, l-aktar lill-foqra hekk li jwasslu għal miljuni ta' mwiet bikrija.

Man-nifs li nieħdu qed nibilgħu kwantitajiet għolja ta' duħħan minn karburanti li nużaw biex insajru jew biex nisħnu. Tinġis ieħor li jġib il-mard hu kkawżat mill-mezzi tat-trasport, mid-dħaħen tal-fabbriki, mir-rimi ta' sustanzi li jħallu l-aċtu fil-ħamrija u minn kimiki velenużi. It-teknoloġija qed tippretendi li hi s-soluzzjoni għall-problemi, imma mhix kapaċi ssolvihom, l-aktar għax hi marbuta mal-interessi finanzjarji.

L-iskart għandu sehem kbir fit-tinġiż u f'xi ambjenti hu perikuluż, għax qed jinħolqu mijiet ta' tunnellati ta' velenuż u radjuattiv li ma jistax jiġi riċiklat. M'aħniex nimmoderaw il-konsum u lanqas qed inżidu l-użu effiċjenti tas-sisitema tar-riċiklar. B'hekk id-dinja, "id-dar tagħna", qed tinbidel f'maħżen enormi ta' żibel. L-anzjani jiftakru b'nostalġija l-pajsaġġi ta' dari, li issa jidhru mirduma taħt munzelli ta' żibel mixħut 'l hawn u 'l hinn.  Kemm l-iskart industrijali u kemm il-prodotti kimiċi użati fl-ibliet u fl-għelieqi, jistgħu jipproduċu ħafna tinġis fl-inħawi industrijali. Pereżempju, il-parti l-kbira tal-karta li tinħadem tintrema bla ma tiġi rriċiklata. Dan għax is-sistema industrijali ma żviluppatx il-ħila li tassorbixxi l-iskart u tużah mill-ġdid.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-klima qiegħda tisħon b'mod inkwetanti, mhux biss mill-elementi naturali, bħall-attivita' vulkanika, imma wkoll mill-bniedem li qed juża gassijiet li jintefgħu fl-arja. B'hekk is-sħana tar-

raġġi tax-xemx riflessi mid-dinja ma titħalliex tixtered fl-ispazju. Blokok sħaħ ta' silġ polari qed jinħallu b'effetti diżastrużi u qed jinqerdu l-foresti tropikali li jgħinu biex irażżnu l-bidla fil-klima. Periklu ieħor hu xħin jogħla l-livell tal-baħar, li jista' joħloq sitwazzjonijiet gravi ħafna meta nqisu li kwart tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix fuq xatt il-baħar jew ħafna qrib tiegħu, u l-parti l-kbira tal-ibliet il-kbar insibuhom fuq il-kosta.

Il-Papa jwissi li jekk nibqgħu mexjin kif aħna mexjin bħalissa, f'dan is-seklu nafu nkunu xhieda ta' bidliet fil-klima li qatt ma konna rajna bħalhom qabel.

# IL-ĦTIEĠA TAL-ILMA

Il-Papa Franġisku jitkellem dwar l-importanza tal-ilma, riżors li n-nuqqas tiegħu iqajjem tħassib serju. L-ilma hu essenzjali għall-oqsma tas-saħħa, il-biedja u l-industrija u għalhekk irridu nibżgħu għalih għax id-domanda għall-ilma qed tkun ogħla milli joffru s-sorsi minfejn qed inġibuh, b'konsegwenzi koroh għal issa u għall-futur.

Fejn jidħol l-ilma pubbliku, il-faqar nsibuh l-aktar fl-Afrika, fejn partijiet kbar tal-popolazzjoni m'għandhomx aċċess kif inhu xieraq għall-ilma tax-xorb, u jkollhom iġarrbu xhur ta' nixfa li jagħmlu iżjed diffiċli l-produzzjoni tal-ikel. Hemm ukoll il-problema tan-nuqqas ta' kwalità ta' ilma tajjeb disponibbli għall-foqra, li qed twassal għal ħafna mwiet ta' kuljum. Fost il-foqra spiss insibu mard marbut ma' ilma kkontaminat minn sustanzi kimiċi. Il-mard tad-disinterija u tal-kolera, li jiġu minn servizzi sanitarji mhux adegwati u minn ħażniet ta' ilma mhux nadif, iġibu tbatija u mwiet, l-aktar fost it-tfal.

L-ilma li jittella’ mill-art f’ħafna postijiet hu mhedded mit-tinġis li qed jikkawżaw ċerti attivitajiet ta’ tħaffir, biedja u industrija, fuq kollox f’pajjiżi fejn m’hemmx biżżejjed regolamentazzjoni u kontrolli xierqa. Minbarra t-tinġis li jarmu l-fabbriki hemm id-deterġenti u l-prodotti kimiċi li jużaw in-nies f’ħafna postijiet tad-dinja, li għadhom qed jintremew fix-xmajjar, għadajjar u ibħra.

Il-Papa jgħid li filwaqt li l-kwalità tal-ilma disponibbli dejjem sejra għall-agħar, f’xi postijiet qed tiżdied it-tendenza li wieħed jipprivatizza din ir-riżorsa skarsa, u allura tinbidel f’oġġett ta’ negozju. Jgħid li l-ilma nadif u tajjeb għax-xorb hu dritt fundamentali għal kuħadd. L-għajxien tan-nies jiddependi mill-ilma, li hu kundizzjoni biex jitħaddmu d-drittijiet umani l-oħra. Il-Papa jwiddeb li d-dinja għandha dejn soċjali għoli mal-foqra li m’għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb. Dan id-dejn jista’ jinfeda billi tingħata iktar għajnuna biex il-pajjiżi l-iżjed foqra jkollhom ilma nadif u servizzi ta’ tisfija tal-ilma. Ħi wkoll ħasra li qed naraw ħela tal-ilma mhux biss fil-pajjiżi żviluppati, imma wkoll f’dawk li għadhom qed jiżviluppaw u li għandhom ħażniet kbar tiegħu. Dan ifisser li parti mill-problema tal-ilma hi kwistjoni edukattiva u kulturali, għax m’aħniex konxji biżżejjed minn kemm hi gravi s-sitwazzjoni.

In-nuqqas ta’ ilma sa jwassal biex jogħla l-prezz tal-ikel u l-prodotti li jiddependu mill-użu tiegħu. Jekk ma jittiħdux passi malajr, fi żmien ftit għaxriet ta’ snin oħra nkunu nbatu minn nuqqas qawwi ta’ ilma, b’impatt ambjentali li jolqot lil biljuni ta’ nies.

# 3. SAL-IĊKEN INSETT

Kemm niddejqu, u bir-raġun, meta naraw jinqatlu għasafar, ħut u annimali! Il-Papa Franġisku, fl-Enċiklika li qed inwasslu fid-djar tal-Parroċċa din is-sena, il-*Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar) jgħidilna li mhux għal dawn biss għandna nitnikktu. Hemm ukoll il-ħlejqiet żgħar, li xi drabi bilkemm jidhru, li meta jinqerdu l-foresti u l-boskijiet, jispiċċaw huma wkoll. Foresti bħal dawk tal-Amażonja u tal-Kongo, li huma meqjusa bħala l-pulmuni tad-dinja, huma mogħnija bi ħlejqiet u pjanti tassew żgħar. Hi ħasra li meta l-foresti jinħarqu jew is-siġar tagħhom jinqatgħu biex issir kultivazzjoni fihom, fi ftit snin inkunu tlifna għadd bla qies minn dawn l-ispeċi.

B'hekk eluf ta' kwalitajiet ta' pjanti u annimali qatt m'aħna sa nsibuhom iżjed. Dan għaliex il-bniedem mhux jagħti kas ta' kemm il-ħlejqiet żgħar huma importanti kemm għall-ikel kif ukoll għall-kura tal-mard u għall-ġid tal-ambjent. Bħala eżempji nsemmu l-fungi, l-alka, il-ħniex, l-insetti żgħar, ir-rettili u l-varjetà bla għadd ta' mikro-organiżmi.
Il-Papa jgħid li l-qerda ta' tant speċi ġejja mill-ġirja għall-qligħ tal-flus, bl-inqas ħsieb ta' dawn il-ħlejqiet żgħar. Il-bini ta' toroq, ta' ħitan jew ċnut madwar ċerti postijiet, l-ilqugħ tal-ilma u bini ieħor jieħdu post l-ambjenti naturali u xi kultant iġibuhom f'elf biċċa hekk li l-ispeċi li jkunu jgħixu fihom ma jkunux jistgħu iżjed ipassu u lanqas jitħarrku bla xkiel, u b'hekk xi speċi jkunu f'riskju li jispiċċaw.

Dan jgħodd ukoll għall-baħar, għax fl-oċeani hemm il-parti l-kbira tal-varjetà ta' ħlejqiet li ħafna minnhom bilkemm għadna nafu bihom u li huma mhedda mill-istess bniedem. Fl-ibħra tropikali, fis-sikek tal-qroll, jeżistu mal-miljun speċi, fosthom ħut, granċi u molluski, Dawn ukoll qegħdin jispiċċaw. Huwa fatt li l-ħajja fix-xmajjar, fl-għadajjar, fl-ibħra u

fl-oċeani, li titma' lil parti kbira mill-popolazzjoni, tidher milquta mis-sajd bla kontroll. Dan qed iwassal għal tnaqqis drastiku ta' organiżmi fl-ilma baħar li huma importanti ħafna fil-katina tal-ikel li minnhom jiddependu għalkollox speċi oħrajn li jservu ta' ikel għall-bniedem.

Il-Papa juri n-niket tiegħu li l-attività tal-bniedem, li jeqred il-foresti u jniġġeż il-baħar, qed twassal għall-qerda ta' ħafna ħlejqiet żgħar u b'hekk qed inċaħħdu lil għadd kbir ta' speċi milli jagħtu glorja lil Alla bl-eżistenza tagħhom.

## 4. KIF TIDĦOL IL-FIDI?

Il-Papa Franġisku jistaqsi għaliex għandha tidħol il-fidi fl-Enċiklika *Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar), li aħna qed nirriflettu dwarha din is-sena, meta dan id-dokument indirizzah kemm għal dawk li jemmnu f'Alla kif ukoll għal dawk li ma huma ta' ebda reliġjon. It-tweġiba jagħtiha l-Papa stess: għaliex ix-xjenza u r-reliġjon jagħtuna toroq differenti għall-istess realtà imma jistgħu jidħlu fi djalogu qawwi bejniethom.

Konvint bil-ħtieġa tal-fidi l-Papa jħares lejn ir-rakkonti l-kbar tal-Bibbja għax dawn jitfgħu dawl fuq l-imħabba kbira li Alla għandu għall-bniedem, li huwa ħalaq biex jgħix f'armonija ma' dak li hemm madwaru. Meta Alla ordna lill-bniedem biex jieħu ħsieb l-art, tah ir-responsabbiltà li jindokra, jipproteġi u jippreserva l-ambjent. Għax hu mogħni bl-intelliġenza, il-bniedem ġie mogħti l-inkarigu li jimxi mal-liġijiet tan-natura u jżomm il-bilanċi delikati bejnu u bejn il-ħlejjaq l-oħra.

Fl-ewwel kotba tal-Bibbja Alla jfakkar lill-bniedem li għandu jagħti kas tal-ħlejjaq l-oħra, bħal meta nsibu dan il-kliem: “Jekk int tara l-ħmara ta'

ħuk, jew il-baqra tiegħu mixħuta fl-art fit-triq, tagħmilx tabirruħek ma rajthomx." U wkoll: "Jekk tiltaqa' fit-triq ma' bejta għasafar, f'xi siġra jew fl-art,… m'għandekx tieħu l-omm u l-frieħ." Saħansitra Alla ried li l-bniedem jifhem li l-mistrieħ fis-seba' jum mhuwiex biss għall-bniedem, imma wkoll "biex jistrieħu l-gendus u l-ħmar", jiġifieri li l-annimali għandhom jingħataw il-mistrieħ tagħhom.

Il-Papa jikkwota mill-Bibbja li: "Kull ħlejqa għandha t-tjieba u l-perfezzjoni proprja tagħha." Dan juri li l-ħlejjaq kollha għandhom valur fihom infushom u l-bniedem ma jistax jagħmel użu minnhom kif jidhirlu. Tant hu hekk li llum il-Knisja ma tagħmilx enfasi fuq li l-bniedem hu l-kmand tal-ħolqien u li l-bqija tal-ħlejjaq huma subordinati għalih. Il-ħlejjaq ta' kull xorta jirriflettu l-għerf u t-tjieba bla qies ta' Alla.

Id-disinn t'Alla kien li l-bniedem jgħix f'relazzjoni tajba miegħu nnifsu u mal-bqija tal-ħolqien. Imma ġara li l-bniedem mill-ewwel ma weġibx b'mod fidil għall-imħabba ta' Alla. Hemm ir-rakkonti ta' Kajjin, li l-għira wasslitu biex iwettaq l-agħar inġustizzja kontra ħuh, u tan-nies fi żmien Noè li għażlu d-dnub li miegħu ġab il-ħsara. Simboliżmu qawwi fir-rakkonti tal-Bibbja juri x'jiġri meta nwarrbu lil Alla u ninsew li hu l-Ħallieq. Għalhekk il-Papa jistedinna biex lil Alla nerġgħu nagħtuh postu, fil-figura ta' Missier tas-Sema u s-Sid tal-ħolqien.

# 5. L-ARMONIJA FIL-ĦOLQIEN

L-armonija li teżisti fil-ħolqien hi waħda mit-temi fl-Enċiklika tal-Papa Franġisku *Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar). Alla ried li l-ħlejjaq ikunu jiddependu minn xulxin. Ix-xemx u l-qamar, is-siġar u l-iċken fjura, l-ajkla u l-għasfur tal-bejt, il-ħafna diversitajiet ta' ħlejjaq, li ebda waħda mhi daqs l-oħra, juru li ebda ħaġa maħluqa mhi biżżejjed għaliha nfisha. Biex jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom iridu jgħinu 'l xulxin, f'qadi lil xulxin. Mill-ikbar xenarji sal-iċken xorta ta' ħajja, in-natura tgħinna ngħixu bil-ferħ fl-imħabba ta' Alla u nimtlew bit-tama fih.

Jekk noqogħdu attenti għal kif il-ħolqien jaħdem f'armonija, nitgħallmu nagħrfu lilna nfusna f'relazzjoni mal-ħlejjaq l-oħra. L-univers kollu kemm hu, b'armonija fost il-ħlejjaq, jikxef bl-isbaħ mod l-għana bla qies ta' Alla. Għalhekk irridu nitgħallmu napprezzaw il-varjetà tal-ħwejjeġ ta' madwarna fir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Meta nikkontemplaw il-ħolqien fid-dawl tal-pjan sħiħ ta' Alla, nifhmu aħjar l-importanza u s-sinifikat ta' kull ħlejqa.
Meta aħna niftakru li kulma jeżisti hu mera ta' Alla, il-qalb tagħna ġġarrab ix-xewqa li tqim lil Alla għall-ħlejjaq kollha tiegħu u tqimu flimkien magħhom, kif insibu fl-għanja mill-isbaħ ta' San Franġisk ta' Assisi, li hi l-ispirazzjoni ta' l-Enċiklika tal-Papa Franġisku:

> "Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
> u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx
> li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija
> turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx.
>
> Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-qamar,
> fil-kwiekeb sbieħ ġo sema kbir, leqqien;

u f’ħuna r-riħ, fis-sħab, f’taqlib, fi bnazzi
li bihom tgħajjex, b’seħer, il-ħolqien.

Mulejja, ħa tkun imfaħħar f’ħuna l-ilma,
irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ;
u f’ħuna n-nar li jagħti d-dawl fl-iljieli,
sbejjaħ, kollu ħajja, qawwi, sħiħ.”

Dan ma jfissirx li npoġġu fuq l-istess livell lill-ħlejjaq kollha, għax il-bniedem għandu valur partikulari. Fil-qalb tiegħu, il-bniedem irid l-ewwel ikollu ħlewwa, kompassjoni u tħassib għall-bnedmin. Ma tagħmilx sens li jissielet kontra t-traffikar tal-annimali f’riskju ta’ estinzjoni filwaqt li jibqa’ għalkollox indifferenti quddiem it-traffikar tal-persuni u ma jinteressahx mit-tbatija tal-foqra. Il-qalb hi waħda u d-dispjaċir għall-moħqrija tal-annimali u għall-qerda tal-ambjent għandu jkun jinħass iktar fit-tbatija tal-persuni.

# 6. ĠESU JĦARES B'IMĦABBA LEJN IL-ĦOLQIEN

Il-Papa Franġisku jsemmi kif Ġesù jħares lejn il-ħolqien. Meta jitkellem mad-dixxipli tiegħu, Ġesù jurihom ir-relazzjoni li Alla għandu bħala Missier mal-ħlejjaq kollha. Il-Papa jfakkar kif kull waħda minn dawn hi importanti f'għajnejn Alla u jikkwota lil Ġesù li jgħid lid-dixxipli: "Ħames għasafar tal-bejt mhux żewġ soldi jinbiegħu? U anqas wieħed minnhom ma hu minsi quddiem Alla." Ukoll: "Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madankollu Missierkom li hu fis-Smewwiet jitmagħhom!"

Bil-mod kif għex, Ġesu' stieden lin-nies biex ikunu attenti għall-ġmiel li hawn fid-dinja, bħalma hu kien f'kuntatt bla waqfien man-natura u kien juri lejha attenzjoni sħiħa ta' mħabba. Meta kien jiġri minn rokna għall-oħra ta' art twelidu, kien jieqaf jikkontempla l-ġmiel miżrugħ fir-raba', u jistieden lid-dixxipli biex fil-ħwejjeġ ta' madwarhom jilmħu l-messaġġ tal-Missier. Stedinhom: "Erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi saru bojod għall-ħsad!" Kien ixebbaħ il-Knisja tiegħu ma' elementi tan-natura: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fl-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex, u ssir siġra."

Ġesù kien jgħix f'armonija sħiħa mal-ħolqien, tant li ta' madwaru kienu jibqgħu mistagħġba: "Dan xi bniedem hu, biex sal-irjieħ u l-baħar jisimgħu minnu?" Ġesù ma kienx bniedem maqtugħ mid-dinja u kien jiggosta l-ħwejjeġ pjaċevoli fil-ħajja. Tant li qal: "Ġie Bin il-bniedem,

jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu: ‘Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz’!”
Ġesù kien jaħdem b’idejh, kuljum kien jidħol f’kuntatt ma’ oġġetti maħluqa minn Alla biex jagħtihom forma bil-ħila tiegħu ta’ bniedem tas-sengħa. Il-parti l-kbira tal-ħajja ta’ Ġesù kienet dedikata lil dan ix-xogħol, f’ħajja sempliċi anke jekk ma kienet tiġbed l-ebda ammirazzjoni: “Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija?”

Ġesù hu qrib in-natura sa mill-bidu tal-ħolqien: “Kollox bih u għalih kien maħluq”. U f’Ġesù rxoxt u glorjuż il-ħolqien kollu jsib il-milja tiegħu, kif jikteb San Pawl: “Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha; bih Alla għoġbu jerġa’ jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.”

# 7. IS-SABIĦ TAL-KULTURI DIFFERENTI

Il-Papa Franġisku jgħid li meta nistudjaw il-problemi ambjentjali ma nistgħux inħallu fil-ġenb lill-persuni. Fost l-oħrajn huwa jiġbed l-attenzjoni għall-komunitajiet madwar id-dinja li għandhom kulturi u tradizzjonijiet partikulari, bħalma huma l-Aboriġini. Tkun ħaġa ħafna iżjed gravi jekk ikomplu jgħibu kulturi tant interessanti milli jekk ma jibqgħux jeżistu xi speċi ta’ annimali jew pjanti.

Komunitajiet bħall-Aboriġini mhumiex sempliċi minoranza fost tant oħrajn, li forsi jitwarrbu u ma jingħatawx leħen fl-istess arthom. Huma jixirqilhom jingħataw widen, l-aktar meta jkunu se jitwettqu proġetti kbar li jmissu l-artijiet tagħhom. Għan-nies tal-post, l-art mhix sempliċiment ġid ekonomiku imma rigal minn Alla u wirt imħolli minn dawk li ġew qabilhom. Hija spazju qaddis li jridu jgħożżu għax hu l-

ambjent fejn huma jsaħħu l-identità tagħhom, ikomplu t-tradizzjonijiet ħelwin tagħhom u jibqgħu jżommu l-valuri li trabbew fihom.

Il-wirt naturali, storiku, artistiku u kulturali qed jisfa mhedded. Dan il-wirt hu parti mill-identità tal-pajjiżi u tan-nies li jgħixu fihom u għalhekk irridu nibżgħu għall-istorja, il-kultura u l-arkitettura tad-diversi naħat tad-dinja, anke dawk remoti. Ir-rota b'saħħitha tal-kummerċ dinji, f'ġirja bla rażan, qed tgħaqqad flimkien il-kulturi u ddgħajjef it-teżor tal-ilwien sbieħ li joffru. Ħafna drabi, minflok nibnu fuq il-kultura lokali, jintużaw mudelli ta' żvilupp meħudin minn pajjiżi oħra. Hemm bżonn li dawk li qed imexxu d-dinja u għandhom is-saħħa u l-flus iħarsu l-jeddijiet tan-nies tal-post u f'kull proġett jikkunsidraw l-ewwel il-kultura tagħhom. Fil-fatt dawn in-nies għandhom ikunu l-atturi prinċipali. Min jippjana għandu jipprova jifhem s-simboli u d-drawwiet ta' kull grupp u joqgħod lura milli jimponi kwalità ta' ħajja differenti.

Dnub li f'bosta nħawi tad-dinja n-nies tal-post qed issirilhom pressjoni kbira biex jitilqu u jagħmlu l-wisa' ħalli arthom tintuża għat-tħaffir għall-minerali, għall-agrikultura jew għat-trobbija tal-bhejjem, bla ma jingħata wisq kas tal-ħsara li ssir lin-natura jew lill-kultura. L-aħjar nies biex jieħdu ħsieb l-art huma dawk li jitħallew joqogħdu fit-territorji tagħhom. Hekk il-kultura ma tkunx monument tal-passat imma tibqa' attività ħajja li ssebbaħ id-dinja tagħna.

# 8. DINJITÀ F'AMBJENTI DIFFIĊLI

F'din l-Enċiklika l-Papa Franġisku jitkellem dwar in-nuqqasijiet fejn jidħlu d-djar. Parti kbira mis-soċjetà, u mhux biss il-foqra, iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji biex ikollhom id-dar tagħhom. Il-Papa jsemmi t-tbatija ta' ħafna li m'għandhomx dar li tixirqilhom bħala persuni.

Dan japplika wkoll għal kwartieri f'ħafna naħat tad-dinja fejn hemm appartamenti ffullati, fosthom dawk li jinsabu fit-trufijiet tal-bliet il-kbar. Issib blokok kbar ta' bini, mingħajr l-ebda gost ta' arkitettura, tal-istess forma, fejn jgħixu l-familji ta' dawk li jaħdmu fl-ibliet. Biex idaħħlu aktar appartamenti, jagħżlu li ma jħallux spazji miftuħa għal arja nadifa li tagħmel iż-żona ambjent xieraq għan-nies li jgħixu hemmhekk. Ambjenti bħal dawn iqanqlu sensazzjoni ta' monotonija, ta' iżolament soċjali li jiffavorixxi mġibiet anti-soċjali u vjolenti. Mal-ewwel daqqa t'għajn donnok ma tissaportix tgħix hemm u tħossok fgat fi blokok kbar ta' appartamenti u spazji maħnuqa bin-nies. Hemm ukoll dawk li jgħixu f'subborgi maħmuġa jew fi blokok ta' bini perikolużi. F'dawn l-ambjenti, sajmin minn kull armonija, diffiċli li nies jintegraw ruħħhom bħala komunità.

Il-Papa Franġisku ma jonqsux il-kuraġġ u joffri t-tama. Isemmi li ħafna persuni, anke f'kundizzjonijiet bħal dawn, kapaċi jinsġu rabtiet ta' appartenenza mal-oħrajn. Hemm nies li jħabirku biex jegħlbu l-ħitan tal-egoiżmu u jagħtu sehemhom għall-aħjar tal-binja jew tal-kwartier. Il-Papa japprezza l-kreattività u l-ġenerożità ta' persuni u gruppi li kapaċi jtaffu l-konsegwenzi ta' ambjent li jkerrah u jibqgħu jagħtu sens lil ħajjithom anke qalb id-diżordni tad-dinja tal-lum. Wieħed mill-eżempji li jagħti hu dak li f'xi postijiet, fejn il-faċċati tal-binjiet huma fi stat ħażin

ħafna, issib persuni li jieħdu ħsieb b'ħafna dinjità d-dar tagħhom minn ġewwa jew iħossuhom sew minħabba l-qalb tajba u l-ħbiberija tan-nies.

Il-Papa jappella biex fit-tfassil ta' appartamenti ġodda jkunu inklużi aktar wesgħat pubbliċi u biex kull intervent fil-pajsaġġ jagħti kas tad-diversi elementi tal-post b'mod partikulari l-persuni. In-nies iridu jkunu mistiedna biex ikunu parti mill-proġett ħalli mbagħad iħossuhom komdi f'belt li qed tħaddanhom fiha u tgħaqqadhom flimkien.

Espressjoni sabiħa tal-Papa Franġisku tesprimi x-xewqa tiegħu għal akkomodazzjoni ta' dinjità: "Kemm huma sbieħ dawk l-ibliet li, anki fid-disinn arkitettoniku tagħhom, huma mimlija bi spazji li jgħaqqdu, joħolqu relazzjoni u jiffavorixxu l-għarfien tal-persuna l-oħra!"

# 9. LEJN STIL ĠDID TA' ĦAJJA

Fl-aħħar kapitli tal-Enċiklika *Laudato Si'* (Tkun Imfaħħar), il-Papa Franġisku jispjega kif it-tagħlim tal-Knisja jista' jkun ta' siwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-ambjent. Il-Papa japprezza li xi mexxejja ta' pajjiżi jesprimu lingwaġġ reliġjuż fil-messaġġi tagħhom għal dinja aħjar bħal meta jistiednu għar-rispett lejn l-oħrajn, il-ħtieġa ta' sagrifiċċji biex nevitaw ħsara fl-ambjent u meta jħeġġu għal relazzjonijiet aħjar bejn il-popli.

Il-Papa jindirizza b'mod partikulari lilna li nemmnu, u jappella biex għemilna jkun jaqbel ma' dak li nemmnu, li ninfetħu dejjem mill-ġdid għall-grazzja ta' Alla u nħabirku għall-imħabba, għall-ġustizzja u għall-paċi. Huwa jiġbed l-attenzjoni għal meta fhimna ħażin il-prinċipji soċjali li tipproponi l-Knisja u għal meta ġġustifikajna l-abbuż ~~tan-~~min-natura u

l-ħakma żejda tal-bniedem fuq il-ħolqien. Jekk iġġustifikajna l-gwerer, l-inġustizzja u l-vjolenza, irridu nindunaw li żbaljajna għax b'dan il-mod ma konniex fidili lejn it-tagħlim tal-Knisja.

Trid issir konverżjoni fina fejn tidħol il-kultura tal-konsumiżmu u ta' nfiq bla rażan. Il-Papa jgħid li l-intrapriżi jagħmlu minn kollox biex jiġbdu l-kijenti għall-bejgħ tal-prodotti hekk li n-nies tispiċċa tinġarr mar-riħ tal-akkwisti u x-xiri bla bżonn. Inġibu l-iskuża tat-taparsi libertà tal-konsum meta fil-verità l-ħielsa huma dawk li jagħmlu parti minn minoranza li taħtaf taħt difrejha s-setgħa ekonomika u finanzjarja. Meta l-egoiżmu jagħlaq għajnejn min qed jagħmel qligħ kbir, iktar tikber fih ir-regħba u ma jara xejn ħlief il-flus. Veru wkoll li meta qalb il-bniedem tkun vojta, iktar għandha bżonn oġġetti x'tixtri, tippossiedi u tikkonsma.

Il-Papa jgħid li hemm bżonn li naqbdu rotta ġdida u nibdlu l-istil ta' ħajjitna f'ħafna ħwejjeġ għax, qabel xejn hu l-bniedem li għandu bżonn jinbidel. Irid jiddeċiedi li jimpenja ruħu għal ġejjieni aħjar b'imġiba u bi stil ta' ħajja ġdida. Għal dan irridu nidħlu għal sfida kulturali, spiritwali u edukattiva ġdida li titlob toroq twal ta' qawmien ġdid.

Iwassal x'imkien dan l-istil ta' ħajja? Iva, il-Papa hu konvint li meta titqiegħed pressjoni tajba fuq dawk li qed iżommu taħt idejhom is-setgħa politika, ekonomika u soċjali, dawn iħossu li għandhom jibdew jipproduċu b'mod differenti. Kieku n-nies u l-movimenti tal-konsumaturi jsibu mod kif jieqfu jixtru prodotti li b'xi mod imorru kontra l-ambjent, anke kumpaniji kbar ikollhom jibdlu mġibithom u jkunu mġiegħla jagħtu kas tal-impatt ambjentali.

# 10. L-EDUKAZZJONI GĦALL-AMBJENT

Fl-aħħar paġni tal-Enċiklika *Laudato Si*, il-Papa Franġisku jgħid li d-dinja għandha quddiemha l-isfida tal-edukazzjoni f'dak li jirrigwarda l-ambjent għax, filwaqt li ż-żgħażagħ huma lesti li jissieltu b'mod ta' min jammirah għall-ħarsien tal-ambjent, l-egoiżmu li mdawrin bih jaħdem kontrihom. Il-ġenn tal-konsumiżmu, is-suq bla regoli, it-taparsi progress u l-kompetizzjoni huma fost l-elementi li mhux qed jgħinu fl-edukazzjoni għall-ħarsien tal-ambjent. Tassew li żdiedu l-informazzjoni dwar l-ambjent, l-istudji, il-konferenzi u l-liġijiet għall-ħarsien tal-ambjent, imma dan kollu jkun bla effett jekk ma ssirx bidla fil-moħħ u fil-qalb tal-persuni b'mod li jibdew jgħożżu d-drawwiet tajba u jimxu fuq stil ta' ħajja fejn jieħdu ħsieb il-ħolqien b'għemejjel żgħar ta' kuljum.

Il-Papa jsemmi eżempju tassew prattiku. Minkejja li l-qagħda finanzjarja ta' persuna tippermetti li tikkonsma u tonfoq iżjed, tkun qed tħares l-ambjent meta tidra tilbes ħwejjeġ li jsaħħnu iżjed minflok ma tixgħel il-*heater*. Eżempji oħra tal-Papa huma meta nevitaw l-użu ta' materjal tal-plastik jew tal-karta, innaqqsu l-konsum tal-ilma, nifirdu l-iskart, insajru biss dak li naħsbu nifilħu nieklu, nittrattaw b'għożża l-ħlejjaq ħajjin l-oħra, ninqdew bit-trasport pubbliku, naqsmu l-istess karozza ma' iktar minn pursuna waħda u nitfu d-dwal mixgħula għalxejn. Oġġett nistgħu nerġgħu nużawh minflok narmuh mill-ewwel.

Fost dawk li jistgħu jedukaw dwar l-ambjent hemm il-familja, l-iskola, il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-katekisti. Edukazzjoni tajba fl-iskola sa miċ-ċkunija tnibbet żerriegħa li tista' tħalli frott matul il-ħajja kollha. Imma l-Papa jisħaq fuq l-importanza tal-familja, għax hi l-post fejn il-ħajja, li hi don ta' Alla, tiġi milqugħa sewwa u mħarsa minn kull theddida li jista' jkollha. Quddiem dik li qiegħda tissejjaħ "il-kultura tal-mewt", il-familja

hi l-qalba tal-kultura tal-ħajja. Fi ħdan il-familja jixxettlu l-ewwel drawwiet ta' mħabba u għożża għall-ħajja, bħall-użu tajjeb tal-affarijiet, l-ordni u l-indafa, ir-rispett lejn il-lokal u l-ħarsien tal-ħlejjaq kollha. Fil-familja nitgħallmu nitolbu permess bla ma nkunu arroganti, illissnu "grazzi" bħala espressjoni ta' apprezzament sinċier għal dak li nirċievu, u nitolbu skuża meta nagħmlu xi ħaġa ħażina. Huma ġesti ċkejknin ta' edukazzjoni u ta' ħlewwa sinċiera.

Il-Papa Franġisku jispiċċa l-Enċiklika b'talba li tinkludi dan li ġej: "Mulej, bil-qawwa u bid-dawl tiegħek, agħżel lilna biex inħarsu lil kull ħajja, biex inħejju għal ġejjieni aħjar, biex tiġi Saltnatek ta' ġustizzja, paċi, mħabba u ġmiel. Tkun imfaħħar! Ammen."